Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 18 ta' Novembru 2025**
**(OR. en)**

**14886/25**

**LIMITE**

**CORLX 1034**
**CFSP/PESC 1575**
**RELEX 1392**
**ELARG 121**

PUBLIC

**ATTI LEĠIŻLATTIVI U STRUMENTI OĦRA**

| | |
|---|---|
| Suġġett: | REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL li jimplimenta r-Regolament (UE) 2019/1890 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-attivitajiet ta' tħaffir mhux awtorizzat tat-Turkija fil-Lvant tal-Mediterran |

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2025/…**

**ta'…**

**li jimplimenta r-Regolament (UE) 2019/1890 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-attivitajiet ta' tħaffir mhux awtorizzat tat-Turkija fil-Lvant tal-Mediterran**

PUBLIC

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2019/1890 tal-11 ta' Novembru 2019 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-attivitajiet ta' tħaffir mhux awtorizzat tat-Turkija fil-Lvant tal-Mediterran[1], u b'mod partikolari l-Artikolu 12(4) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

[1] ĠU L 291, 12.11.2019, p. 3 ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2019/1890/oj.

Billi:

(1) Fil-11 ta' Novembru 2019, il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) 2019/1890.

(2) Fi …[+], il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2025/…[2++], li temenda d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/1894[3] li testendi l-miżuri restrittivi fiha sat-30 ta' Novembru 2026, b'lista vojta.

(3) Jenħtieġ li l-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1890 jiġi emendat kif meħtieġ,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

PUBLIC

+ ĠU: jekk jogħġbok daħħal id-data tal-adozzjoni tad-Deċiżjoni li tinsab fid-dokument ST14884/25.

2 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK 2025/… ta' …li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2019/1894 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-attivitajiet ta' tħaffir mhux awtorizzat tat-Turkija fil-Lvant tal-Mediterran (ĠU L …).

++ ĠU: jekk jogħġbok daħħal fit-test in-numru tad-Deċiżjoni li tinsab fid-dokument ST14884/25 u daħħal in-numru, id-data u r-referenza tal-ĠU ta' dik id-Deċiżjoni fin-nota ta' qiegħ il-paġna .

3 Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/1894 tal-11 ta' Novembru 2019 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tal-attivitajiet ta' tħaffir mhux awtorizzat tat-Turkija fil-Lvant tal-Mediterran (ĠU L 291, 12.11.2019, p. 47, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2019/1894/oj).

*Artikolu 1*

L-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/1890 huwa sostitwit bit-test stabbilit fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi…, …

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

PUBLIC

**ANNESS**

"ANNESS I

LISTA TA' PERSUNI FIŻIĊI U ĠURIDIĊI, ENTITAJIET U KORPI MSEMMIJA FL-ARTIKOLU 2"

PUBLIC